MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 774/2003

**Bank of Valletta PLC**
**Vs**
**Jonathan Paul Grima**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta plc li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

Illi Maria Rosaria Grima iddikjarat ruha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta' bankarja Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta' ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u disghin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm20,398.59) permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 28 ta' Lulju, 1999 in atti Nutar Dottor Tonio Cachia, li qed jgi hawn esebit u market Dok. 'A'.

Illi, l-imsemmija Maria Rosaria Grima mietet nhar it-Tnejn, 17 ta’ Gunju, 2002 kif ahjar muri fic-Certifikat tal-mewt hawn anness u market Dok. ‘B’.

Illi, s-socjeta’ esponenti tinsab kreditrici ta’ Jonathan Paul Grima bhala eredi ta’ l-imsemmija ommu Maria Rosaria Grima fis-somma ta’ sitta u ghoxrin elf u disgha u hamsin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm26,059.60) flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t’April, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Illi, interpellat ghal-hlas permezz ta’ Ittra ufficjaliipprezentata fid-9 ta’ Mejju, 2003 (Dok. ‘C’) l-intimat Jonathan Paul Grima baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi l-imsemmi kuntratt datat 28 ta’ Lulju, 1999 fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cachia kontra l-intimat Jonathan Paul Grima sabiex tottjeni l-pagament ta’ sitta u ghoxrin elf u disa u hamsin Liri Maltin u sittin centezmu (LM 26,059.60) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-01 ta’ April, 2003 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat li l-intimat Jonathan Paul Grima debitament notifikat fis-26 ta’ Settembru 2003 (a. fol. 17) ma pprezenta ebda risposta;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi t-talba tar-rikorrent tinsab sodisfacentiment sostenuta mill-provi, u ghalhekk ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tawtorizzah jesegwixxi l-kuntratt datat 28 ta’ Lulju, 1999 fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cachia kontra l-intimat Jonathan Paul Grima sabiex tottjeni l-pagament ta’ sitta u ghoxrin elf u disa u hamsin Liri Maltin u sittin centezmu (LM 26,059.60)

flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-01 ta' April, 2003 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez akarigu ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------